MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru 780/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
**Supretendent Raymond Vella Gregory**

**vs**

**Alfred Attard**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Alfred Attard ta’ 63 sena iben Antonio u Rosina nee’ Sciberras, imwieled Hamrun fi 22 ta’ Mejju 1940, residenti fi Yvchris, 13 Triq il-Ferrovija Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 410540M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Fil-21 ta' Settembru 2002 u fi zminijiet precedenti f'San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' numru ta' biljetti tal-Lottu Pubbliku. Dan bi ksur tal-artikoli 18, 183, 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn dokumenti iffalsifikati, u cioe' biljetti tal-lottu pubbliku. Dan bi ksur tal-artikoli 18 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama' jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' madwar Lm 2520 ghad-dannu ta' Joseph Spiteri minn Bormla u ohrajn. Dan bi ksur tal-artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkustanzi xjentement ghamel iffalsifika cedula, polza, ordni, dokumenti ohra illi meta jiegu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf mgharuf b'xi att pubbliku tal-Gvern. Dan bi ksur tal-artikoli 18, 167, u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkustanzi, minghajr l-awtorizazzjoni tal-Ministru reponsabbli ghal-finanzi, taht ebda titolu jew b'ebda mod, ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu. Dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-Kap 70 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkustanzi, biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-lottu pubbliku f'post li ma huwiex mahtur ghaldaqshekk. Dan bi ksur tal-artikolu 14 tal-Kap 70 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm gewwa l-fond Yvchris numru 13, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, arma tan-nar bin-numru tas-serje 654098 jew munizzjon. Dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kellu fil-pussess tieghu skieken, ta' kull xorta li jkunu, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Settembru 2005 (esebita a fol. 313 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 183, 184 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl- artikoli 18, 189 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl- artikoli 18, 167, 169 tal-Kodici Kriminali ;
(e) fl- artikoli 13, 14 tal-Kap 70 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl- artikoli 2, 3, 13 tal-Kap 66 ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw distribuzzjoni u bejgh ta’ biljetti tal-Lottu Pubbliku falsifikati. **L-Ispettur Edel Mary Camilleri**[1] li xehdet fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru, 2003 spjegat li fit-23 ta’ Settembru 2002 kien mar l-ufficju taghha certu Joseph Spiteri minn Bormla fejn kien infurmaha illi xi granet qabel kien gie avvicinat minn persuna li bieghlu biljetti tal-lottu Pubbliku tal-estratt li kien sehh fl-20 ta’ Settembru 2002. Ix-xhud qalet li dakinhar x’hin Joseph Spiteri kien mar l-ufficcju taghha, qalilha li kien mar il-Lottu Pubbliku, fejn dawn qalulu li dan il-biljett kien falsifikat. Sussegwentement persuna ohra, certu Joseph Vella minn Birkirkara, wkoll mar jaghmel rapport lill-Pulizija b’biljett iehor li gie certifikat bhala falz meta Vella mar il-banka tal-Lottu sabiex isarraf dan l-istess biljett. Saru wkoll rapporti minn Joseph Fenech u Alfred Ellul li kienu xtraw biljetti tal-Lottu Pubbliku minghand l-istess persuna li sa dak iz-zmien ma kienx ghadu identifikat. Dawn il-biljett kienu qeghdin jinbieghu ghas-somma ta’ Lm450 (erba’ mija u hamsin Lira Maltin). Il-Pulizija marret sabiex tarresta lil certu Anthony Deguara izda dan kien lahaq siefer wara li kien biegh dawn il-biljetti. Meta l-Pulizija kellmu lil Rita Deguara din ghaddiet ittra miktuba minn Anthony Deguara (dok EMC 1) fejn kien hemm indikat il-*modus* operandi ta’ kif Anthony Deguara iffroda lil dawn in-nies appena msemmija. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll ittra ohra (Dok EMC 2) liema ittra kienet intbghatet minn Anthony Deguara lil missieru. F’Gunju tal-2003, gie arrestat Anthony Deguara u huwa kkonfermalha li kien kiteb l-ittra li kellha f’idejha l-Ispettur. F’dawn l-ittri ssemma l-isem ta’ Alfred Attard maghruf bhala t-teacher u gie ndikat l-involviment tieghu f’dan il-kaz. Il-Prosekuzzjoni esebiet wkoll zewg biljetti tal-Lottu Pubbliku (Dok EMC 3) li kienu fil-pussess ta’ Joseph Spiteri u Joseph Vella. L-Ispettur ziedet tghid li persuna ohra li kienet marret l-ufficcju taghha taghmel rapport kien certu Thomas Carabott. Dan l-istess, kien gie avvicinat

[1] L-ispettura Edel Camilleri kienet xehdet ukoll fl-20 ta’ Settembru 2003 fejn qalet li kienet arrestat lil Alfred Attard u fost affarijiet li gew elevati kien senter li kien gie isserrat kif ukoll il-manku. Hija kompliet tghid li dan is-senter kellu licenzja mahruga mill-pulizija izda kellu alterazzjoni. Gew elevati wkoll hdax-il biljett.

minn Anthony Deguara u xtara biljett minn fuq l-idejn. Joseph Fenech li kienet persuna ohra, mar jaghmel rapport ukoll lill-Fraud Squad fejn qalilha li xtara zewg biljetti tal-Lottu Pubbliku ghal seba’ mitt Lira Maltin (Lm700) li gew esebiti bhala dok EMC 5. Gie esebit dokument iehor EMC 6 u dana gie prezentat lil certu Guzi ta’ Pretorja Bar gewwa Hal Tarxien. L-Ispettur Camilleri spjegat li nhargu l-*arrest warrants fejn gie arrestat* Alfred Attard, l-imputat fil-kawza odjerna u saret tfittxija fir-residenza tieghu u waqt it-tfittxija fir-residenza tieghu giet innutata arma tan-nar li kellha xi alterazzjonijiet fuqha min-naha tal-kanna. Din giet esebita bhala Dok EMC 7. Waqt din it-tfittxija gew elevati hdax-il biljett li gew esebiti bhala dok EMC 8 u mwies bhala dok EMC 9. L-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv spjegat li waqt li l-imputat kien qieghed taht arrest huwa hassu ma jiflahx u ttiehed l-Isptar fejn inzamm ghal xi hin. Wara li rega’ gie arrestat, indikalhom li gewwa r-residenza tieghu kien hemm il-kanna tal-arma tan-nar (Dok EMC 14) li nstabet fir-residenza tieghu. Huwa rrilaxxja stqarrija fejn ghazel li ma jiffirmax u nnega li fil-fatt kien involut fil-kaz ta’ frodi ma’ Anthony Deguara u David Zammit.

Fl-udjenza tas-27 ta’ Mejju 2005, xehed Joseph Vella li qal li fil-21 ta’ Settembru 2003 waqt li kien sejjer il-quddies avvicinah certu wiehed Deguara miz-Zejtun li talbu sabiex isarraf biljett tal-Lottu u qallu li ma kienx isaraff u huwa staqsa lil wiehed li kien barra jekk dan il-biljett kienx falz jew le. Ix-xhud jghid li staqsa ghall-karta tal-identita’ ta’ din il-persuna u t-tifla ta’ ohtu kitbet in-numru u l-isem. Huwa kkonferma li meta mar isarraf il-biljett gie infurmat li kien falz.

Fl-udjenza tas-27 ta’ Mejju 2005 xehed Thomas Carabott li qal li xi zmien qabel kien mar fuqu certu Tony Deguara u kien ghaddielu biljett u u talbu sabiex jaghtih erba’ mija u hamsin lira (Lm 450) tal-biljett. Sussegwentement huwa mar id-Depot tal-Pulizija fejn gie nfurmat li dan il-biljett kien falsifikat. Ix-xhud gie muri l-biljett esebit u mmarkat bhala Dok EMC 5 li jinsab fid-dokument CS 1 u kkonferma li dak kien il-biljett li kien ghaddielu Tony Deguara.

Fl-udjenza tas-27 ta’ Mejju 2005 xehed Carmelo Deguara fejn qal li kien kellmu l-imputat u staqsieh ghat-tifel tieghu. Huwa zied jghid li t-tifel tieghu Anthony Deguara kien tah ittra u qallu sabiex imur biha d-Depot minhabba li kien hemm xi nies jigru warajh. Huwa qal li lit-tifel kienu tawh xi biljetti minn wiehed li jghidulu t-teacher u iehor li ma kienx jaf min hu. It-tifel tieghu kien telaq lejn l-Ingilterra minhabba li kien mhedded minn xi nies. Huwa gharaf id-dokumenti li huma esebiti a fol 31 sa 37 fil-process tal-‘Pulizija vs David Zammit’.

Fl-udjenza tal-14 ta’ Frar 2006, xehed Anthony Deguara fejn qal li fis-sena 2002 kien qieghed gewwa l-Casino u avvicinah certu David Zammit u flimkien mieghu kien hemm Alfred Attard. Huwa kien iffirma karta sabiex jissellef somma flus minghand mara anzjana li kienet hdejhom, Huwa qal li l-ewwel il-mara anzjana tatu cheque ta’ elf u hames mitt Lira Maltin u ftit taz-zmien wara harget cheque iehor ta’ elf u hames mitt Lira Maltin. Kemm David Zammit u Alfred Attard gew fuqu sabiex jghidulu li ghandhom bzonn elf u mitejn Lira Maltin halli jixtru computer sabiex jiffalsifikaw biljetti. Huma kienu haduh ghand din il-mara li kellha xi karti lesti u hu ffirma dawn il-karti. Hija qaltlu li b’kollox kellu jaghtiha hamest elef Lira Maltin (Lm5000). Huma qalulu li ser johorgu dawn it-tickets li kienu ser ikunu datati l-20 ta’ Settembru. David Zammit qallu li jekk ma kienx se jipprocedi maghhom kien se jghaddi il-karti lil Pulizija jew lil martu. David Zammit flimkien mal-imputat tawh il-biljetti u huwa ta l-ewwel wiehed lil Tommy Carabott. Huwa kien qal lil Carabott li huwa kien rebah il-lottu u talbu sabiex isarraf dan il-biljett. Huwa tah erba mija u erbghin Lira Maltin (Lm440). Huwa ta’ ghoxrin Lira lil wiehed li jismu Michael u l-bqija inqasmu bejnu u l-imputat flimkien ma’ David Zammit. Deguara qal li ta biljett iehor lil wiehed ragel minn Hal Tarxien li jismu Joseph u qallu l-istess storja fejn dan tah is-somma ta’ erba mija u hamsin Lira Maltin (Lm450) u qasmu r-rikavat tieghu wkoll. It-tielet biljett sarfu wkoll minghand wiehed li jghidulu Joseph maghruf bhala Zeppi z-Zghir fejn qallu l-istess storja u tah is-somma ta’ erba mija u sebghin Lira Maltin (Lm470). Deguara sostna wkoll li kellu biljett iehor u mar sabiex jipprova jsarfu izda ghall-

bidu ma sab lil hadd sakemm mar gewwa z-Zejtun u sab persuna ohra li jismu Fredu u tah dan il-biljett ghas-somma ta' seba mitt Lira Maltin (Lm700). Rega' qasam il-flus ma' David Zammit u marru ghal hames persuna gewwa l-Marsa fejn minn hemm tah il-biljett ghas-somma ta' Lm450. Huwa ltaqa mal-imputat flimkien ma' David Zammit u qasmu dawn il-flus li kellhom. Minn hemm baqghu sejrin lejn B'Kara sabiex isibu lil xi haddiehor maghruf bhala Peppin. Meta mar ikellmu staqsieh jekk kienx isarraf il-biljetti u dan ghall-bidu beda' jahsibha u mbaghad tah is-somma ta' Lm450. Deguara qal li fil-fatt kien David Zammit li laqqghu mal-imputat u dan kull darba kien ikun involut meta kienu jaqsmu l-flus bejniethom. Deguara sostna li huwa kien kellem lil mara tieghu u hallielha ittra li kellha tghaddiha lil Pulizija malli huwa jitlaq lejn l-Ingilterra. Meta huwa kien imsiefer, l-imputat kien mar diversi drabi id-dar ta' missieru jistaqsi ghalih. Huwa kkonferma d-dokumenti li hemm esebiti a fol 110 sa 114 kif ukoll dak ta' 116 sa 122 tal-process. Anthony Deguara rega' xehed fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2009 fejn qal li huwa kellu l-vizzju tal-loghob u li gieli ssellef il-flus minghand tal-familja minhabba l-vizzju. Huwa zied jghid li anki ssellef il-flus minghand nies mhux tal-familja u dan dejjem fuq l-idejn. Huwa sostna li qatt ma ssellef flus minghand l-imputat izda qal li dan kien hadu ghand wahda xiha li qallu sabiex jiffirma xi dejn fejn l-imputat kien ha kollox hu. Fil-fatt huwa qal li kienu marru darbtejn ghand din ix-xiha u l-flus li kien sarraf bic-cheque kien hadhom l-imputat u hu kien ha biss mitt Lira Maltin u darb'ohra ghoxrin Lira Maltin. Huwa qal li kien mar gewwa banka tal-lottu f'Hal Tarxien fejn tah roll vojt tal-Lottu minhabba li kienu kelmuh fuq din il-kwistjoni tal-biljetti. Huwa kien ghadda dan ir-roll lil David Zammit u kompla jghid li lanqas biss kien jafu lil tal-Banka tal-Lottu ta' Hal Tarxien. Huwa kien ghadda dan ir-roll lil David Zammit li kien jaf x'ser jaghmel bih. Deguara zied jghid li fl-20 ta' Settembru gew fuqu David Zammit u Alfred Attard u tawh zewg biljetti biex imur issarrafhom. Huwa qal li ma kienx jaf kif saru dawn il-biljetti. Huwa qal li kien jaf li dawn il-biljetti kienu foloz izda meta giet moqrija x-xhieda tieghu fil-kawza kontra David Zammit fejn kien hemm indikat a fol 45 tal-process li ma kienx jaf li dawn kienu foloz huwa

sostna li dak li kien hemm miktub mhux korrett ghaliex huwa kien jaf li l-biljetti kienu foloz. Huwa zied jghid li kien mar ghand in-nies biex isarraf dawn il-biljetti minn fuq l-idejn u l-istorja kienet minhabba li ma setax isarraf dawn il-biljetti minhabba li kienet festa. Huwa qal li kien ibiegh dawn il-biljetti ghas-somma ta’ 450 Lira Maltin u n-nies ma kienux ikunu jafu x’qieghed jigri ghax hasbuhom tajbin. Dawn il-biljetti beda’ jbieghhom fuq medda ta’ jumejn.

Fl-udjenza tal-5 ta’ Lulju 2007, xehdet Rita Deguara fejn din qalet li hija tigi l-mara ta’ Anthony Deguara u li huwa qalilha li kien hemm ittra mohbija li hija kkonfermat li kienet l-istess bhal dik li hemm esebita a fol 110 sa 114 tal-process.

Fl-udjenza tal-25 t’Ottubru 2007, l-espert mahtur mill-Qorti prezenta relazzjoni MB 1 fejn ikkonferma li dok EMC 2, EMC 3, EMC 4, EMC 5 u EMC 6 huma foloz filwaqt li fl-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 2007, xehed il-Brigadier Maurice Calleja li qal li l-arma esebita (Dok EMC 7) giet modifikata billi gie isserrat il-butt u l-kanna izda ma taffetwax l-operazzjoni taghha.

Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2013, xehed l-imputat Alfred Attard fejn qal li huwa kien id-dar tieghu u cemplet l-ispettura Edel Camilleri u bdiet tkellmu fuq il-kaz. Huwa qal li kien jaf min hu Anthony Deguara minhabba li dan kellu jaghtih xi hamest elef Lira Maltin (Lm5,000). Huwa nnega li kien jaf b’xi haga dwar biljetti tal-Lottu u kompla jghid li kien mal-habib tieghu David Zammit fejn qallu li kien hemm xi hadd li kellu bzonn il-flus. Huwa qal li kellem lil din il-persuna fejn qallu li ma kienx lest li jaghtih flus ghall-loghob. Min-naha tieghu din il-persuna qaltlu li kellha bzonn il-flus sabiex tuzahom ghal xi negozju. Fil-fatt kien selfu dawn il-flus u ghamlu karta li giet esebita bhala DOK AA 1 sa Dok AA 2. Huwa zied jghid li il-ftehim kellu jkun li jhallsu fiz-zmien xahar. Huwa qal li meta baghtet ghalih l-Ispettur qalilha li kien sellef il-flus lil dan Anthony Deguara u kompla jghid li meta kien skada z-zmien ghall-hlas mar id-dar iffittex lil dan Deguara sabiex jiehu lura flusu. Huwa qal li li s-shotgun li sabu l-Pulizija  huwa dejjem hallas il-licenzja tieghu tant li din qeghda biss ‘*to keep’*. Huwa

ammetta li kien qata' l-kanna u l-butt tieghu izda qal li s-shotgun kien tieghu u ma kien hemm xejn fil-ligi li tghid li ma tistax taghmel hekk.

Ikkunsidrat

Minn ezami akkurat tal-provi kollha prodotti f'dan il-kaz jirrizulta evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti totalment konfliggenti, u cioe' min-naha l-wahda dak li qed isostni Alfred Deguara u min-naha l-ohra dak li qed isostni l-imputat. Huwa ben risaput li l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li ggib l-ahjar prova sabiex tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat u li frjn jezisti dubju dan ghandu jmur favur l-imputat.

Illi L-Qorti ser taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-Sentenza ta***l-5 ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'
*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal-Appell Kriminali deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-
*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor.

Il-Qorti trid tara wkoll jekk f'dan il-kaz kienx hemm provi indizzjarji ohra li b'xi mod jorbtu dik ir-relazzjoni li tezisti bejn l-imputat u l-fatti li gew prezentati f'dan il-kaz. Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-imputat mar-reat u lil hadd iktar, Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot

lill- mputat b'mod univoku mar-reati addebitati lilu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Il-prova cirkostanzjali trid twasslek ghal prova univoka u cioe' l-unika interpretazzjoni ta' dik il-prova cirkostanzjali hija wahda u wahda biss, u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha l-ebda prova legali. Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li ntqal fis-Sentenza fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs David Gatt',** deciza fis-17 ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali u cioe' li:

"*provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar important mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Practice*** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal ***Lord Normand*** fil-kaz '**Teper v R'** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available.*

*The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast*

*suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.”*

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li hadd mix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni ma identifika lill-imputat Alfred Attard bhala l-persuna li sarfet xi biljetti tal-lottu foloz. Fil-fatt ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kollha indikaw li kien Anthony Deguara li mar isarraf il-biljetti ghandhom. Fix-xhieda tieghu Anthony Deguara isostni li kull darba li kien isarraf xi biljett wara kien jiltaqa’ nal-imputat u persuna ohra halli jaqsam maghhom ir-rikavat. Ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe’ Joseph Vella, Joseph Spiteri, Thomas Carabott, Joseph Fenech u Michael Cassar ilkoll jghidu li kien Anthony Deguara li kien isarraf il-biljetti tal-lottu li gew esebiti f’dawn il-proceduri. L-anqas ma hemm dubju li l-biljetti tal-lottu esebiti fl-atti li gew imsarfa minn Deguara kienu foloz. Dan gie konfermat kemm minn Martin Hili ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Lottu kif ukoll mill-espert tal-Qorti Martin Bajada.

Huwa biss Anthony Deguara li jsemmi lill-imputat bhala l-persuna li marret mieghu ghand mara anzjana (li qatt ma ingabet tixhed) sabiex jisselfu flus minghandha sabiex jixtru computer halli jaghmlu scanning tal-biljetti li in segwitu dan Deguara kien sarraf. Deguara jghid li kien huwa stess li gab roll tal-biljetti tal-Lottu minghand wiehed minn Hal- Tarxien sabiex ssir din il-bicca xoghol. Il-Qorti setghat tikkonstata li effettivament meta il-Pulizija ghamlet tfittixija fir-residenza tal-imputat ma sabet ebda computer li seta’ gie uzat ghal dan l-iskop. Ghandu jinghad ukoll, li l-Pulizija elevaw hdax-il biljett mir-residenza tal-imputat izda ma ngabet l-ebda prova li dawn il-biljetti fil-fatt kienu foloz jew li kellhom konnessjoni ma biljetti ohra li rrizultaw li kienu foloz. Deguara jghid illi huwa effettivament kien ta somma flus kemm lill-David Zammit kif ukoll lil Attard meta sarraf xi biljetti. Alfred Attard meta xehed innega li huwa kellu x’jaqsam mal-kaz. Huwa zied jghid li fil-fatt, huwa kien sellef ammont ta’ flus lil Anthony Deguara li suppost kellu jaghtihomlu fi zmien xahar u spjega li kien mar

ghand misser Deguara sabiex jistaqsi ghalih halli jiehu lura l-flus li kien selfu. Il-Qorti jidrilha li jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni moghtija minn Deguara li huwa kien jaqsam il-flus tal-biljetti li kien isarraf mal-imputat u ma David Zammit immedjatament wara li dawn jissarfu ma kienx ikun jaghmel sens li l-imputat imur ifitxu fid-dar ta' missieru. Huwa ghalhekk aktar plawzibbli dak li jsostni l-imputat u cioe' li huwa kien mar ifttex lil Deguara proprju ghaliex ried jithallas lura l-flus li kien issellef.

Ix-xhud Deguara jsemmi cirkostanzi li setghu kkoroboraw it-tezi tieghu izda il-Prosekuzzjoni naqset li tipprovhom. Deguara jghid li kienet mara habiba ta' l-imputat li selfet xi flus permezz ta' cheque li gie imsarraf mill-Bank of Valletta pero' din il-prova qatt ma giet konfermata la minn din il-mara u lanqas minn xi rapprezentant tal-Bank jew minn xi prova dokumentarja ohra.

Din il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-kredibilta' tax-xhud principali tal-Prosekuzzjoni Anthony Deguara u jidrilha li ma tistghax temmen il- verzjoni tal-fatti minnu moghtijia anki ghaliex il-Prosekuzzjon ma gabet l-ebda prova ohra indizzjara li tikkorrobora il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Anthony Deguara in kwantu jirrigwarda l-involviment tal-imputat. Il-Qorti thoss li l-imputat jista' jtiqies li rnexxielu jipprova dal-grad tal-probabbli li Anthony Deguara ivvinta din l-istorja kollha proprju sabiex jevita li jhallas lura lill-imputat l-ammont ta' flus li huwa ssellef minghandu.

Il-Qorti tixtieq inoltre tirrileva li skond il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Anthony Deguara l-imputat kien komplici mieghu u ma jistghax jitqies li huwa ragonevolment safe li wiehed joqghod fuq dak li qed jghid Deguara minghajr ebda prova ohra li tikkorobora dak li qed jghid. Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-Ligi Ingliza f'din il-materja kien '**Rex vs Baskerville'** (1916 - 2.K.B. 658) fejn gie ritenut li:

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)...*"

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta lili jghid:

“*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, x-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*”

Il-Qorti tagmel ukoll referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Maesta Taghha r- Regina v George Bezzina et’** fejn intqal hekk:-

“*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lillakkuzat u tesdenti li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lil akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita importanti li l-akkuzat kkommetta d-delitt.*”

Ghandu jinghad ukoll li fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Farrugia datata it-2 ta’ Dicembru 1998 qalet li:

*“Il-Ligi trid li sabiex xhieda ta’ komplici jkollha valur probatorju, din, per necessita, trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f’cirkostanzi materjali li jwasslu mhux biss ghall-vercita’ tal-verzjoni ta’ dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta’ dik il-korroborazzjoni tigi stabbilita’* ***nexus criminis*** *bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal, bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita’ kriminali...giet imwettqa mill-akkuzat.”*

Illi fid-dawl tas-suespost jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova ohra la permezz ta’ xhieda

indipendenti u l-anqas permezz ta' provi ndizzjarji sabiex torbot lill-imputat ma' l-akkuzi odjerni. Il-Qorti jidrilha li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jwasslux ghal konvinciment morali minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

b) L-akkuzi taht l-Artikoli 2, 3 u 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta

Fil-konfront tal-akkuza taht l-artikolu 2, 3 u 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li l-Ligi minn dak iz-zmien inbidlet totalment. Madankollu, din il-Qorti hija marbuta mal-Ligi applikabbli fiz-zmien tal-kummissjoni tal-allegat reat.

Mix-xhieda tal-Ispettur Edel Camilleri jirrizulta li l-imputat kellu licenzja ghas-senter in kwistjoni u ma ngabet l-ebda prova ohra li tindika li l-imputat zamm xi armi tan-nar jew skieken minghajr id-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------